



Brussell, 10 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9482/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0068(COD)**

CODEC 830
COVID-19 243
JAI 673
POLGEN 93
FRONT 217
FREMP 161
IPCR 76
VISA 121
MI 433

SAN 364
TRANS 366
COCON 42
COMIX 305
SCHENGEN 51
AVIATION 146
PHARM 114
RELEX 514
TOUR 42

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, tat-test għall-marda u tal-fejqa minnha (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 21(2) TFUE.
2. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fit-trilogi u awtorizza lill-President biex jibgħat ittra lill-President tal-Kumitat LIBE li tistqarr li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ 7128/21 + ADD1.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-9 ta' Ġunju 2021².
4. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jstieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument PE-CONS 25/21 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
5. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill u li għandha tiġi ppubblikata fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tinsab fl-Addendum 1. Id-dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u mill-Bulgarija għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 2.
6. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 25/21.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 9506/21